**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 1171/97

Francis Zammit

vs

Il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta.

Illum 12 ta' Frar, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod partikolari bejn l-1988 u l-1992, huwa garrab ingustizzja billi gie mcahhad minn promozzjonijiet li kien jisthoqqlu jinghata;

Illi fil-qosor il-fatti tal-kaz kienu kif ser jinghad :

Illi r-rikorrent gie ngaggat mal-Forzi Armati ta' Malta fl-1970, bhala gunner, hekk kif kien ghadu kemm temm servizz ta' tliet

snin (parti minnhom f' servizz barra minn Malta) mar-Royal Malta Artillery;

Illi fis-snin 1988 u 1989, waqt li r-rikorrent kien ghadu jokkupa l-grad ta' gunner, kien sar ezercizzju ta' ghoti ta' promozzjonijiet mifruxin mar-ranks kollha ta' l-Armata. Ir-rikorrenti baqa' ma nghatax promozzjoni misthoqqa, u minfloku tlahhqu nies li ma kellhomx l-esperjenza, kwalifiki u lanqas l-anzjanita` li kien igawdi ir-rikorrenti;

Illi fl-1990, ir-rikorrent kien inghata promozzjoni ghall-grad ta' lance bombardier li kien grad oghla minn dak li kien igawdi dak iz-zmien. Imma meta, fl-1992, kienet regghet harget sejha ghall-promozzjonijiet, ir-rikorrenti rega' thalla barra mill-ghazla, u wkoll, din id-darba, qabzuh nies li la kellhom kwalifiki daqsu, la anzjanita` u lanqas esperjenza, kif ghandu jigi pruvat waqt is-smigh tar-rikors;

Illi b' rizultat ta' dawn l-ingustizzji, ir-rikorrenti garrab telf mhux biss finanzjarju, imma wkoll ta' avvanz fil-karriera militari tieghu. Li kieku ma giex imcahhad mill-promozzjonijiet misthoqqa, illum il-gurnata kien ikun igawdi r-rank ta' bumbardier;

Illi ghalhekk, ir-rikorrent hass li l-agir mehud fil-konfront tieghu jikkostitwixxi trattament ingust li kkawzalu telf u danni;

Illi huwa kien bi hsiebu jressaq, in sostenn ta' l-ilmenti tieghu, ix-xhieda msemija fil-lista, u indika, ghar-rigward ta' kull xhud,

dawk il-fatti marbuta mal-kaz li huwa jixtieq jistabilixxi permezz taghhom;

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab li dan it-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment tieghu skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji w jinghata rimedju billi jigi ordnat :

1. jinghata l-promozzjonijiet kollha li kien eligibbli ghalihom u ingustament imtellef, u dan b'effett mid-dati li tali promozzjonijiet kienu jkunu inghataw, u flimkien mal-kondizzjonijiet u beneficcji kollha li tali hatriet kienu jintitolaw lir-rikorrenti;

2. il-hlas ta' kumpens biex jaghmel tajjeb ghat-telf imgarrab mir-rikorrenti kemm dam imcahhad mill-gradi li kien jimmerita;

3. jew li, fil-kaz li tali rimedji ma jistghux jinghataw, jigi ordnat hlas lir-rikorrenti ta' kumpens ammontanti ghal hamest elef lira jew dak l-ammont verjuri li dan it-Tribunal joghgbu jiffissa, sabiex jaghmel tajjeb ghall-hsara li ir-rikorrenti garrab kif fuq premess.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi jirrizulta li fil-promozzjonijiet tal-1988 u 1992 dawk li hadu promozzjoni kellhom kwalifiki aktar jew daqs ir-rikorrent.

Illi jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien u stante li l-promozzjonijet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita' u kwalifiki biss izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif wkoll abbazi ta' ghazla biex timtela vakanza, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli cioe' l-Avviz Legali Nru 91 tal-1970 u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent wahdu ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni, preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Ghaldaqstant, ghar-raguni fuq premessi dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma l-fatti msemmija fir-rikors u li llum ghandu kwazi 33 sena servizz, flimkien ma' kwalifiki mehtiega ghall-promozzjoni ghal Surgent. Hu darba biss gie promoss ghar-rank ta' Lance Bombardier fl-1990, ir-rank li ghadu sa' llum. Sostna li suldati bi kwalifiki u anzjanita' anqas minnu gew promossi u b'hekk qabzuh kemm il-darba u dan ghal ragunijiet mhux validi fil-ligi. Illi dwar l-ezercizzju ta' promozzjoni tal-1992 minn "Lance Bombardier" ghal "Bombardier", tlieta minn dawk maghzulin (i.e. 18270927 Sciberras, 18271082 Gatt u 85643 Camilleri) lanqas biss kellhom 'Third Class Education" li kienet indispensabbli ghall-ghoti tal-hatra. Zied li filwaqt illi lilu qalulu li l-promozzjoni ghal "Bombardier ma nghatatlux minhabba li kellu zewg minor charges, fost dawk maghzula kien hemm wiehed (500 O'Neil) li kien instab hati ta' serq ta' fuel, iehor (18136297 Bonnici) li kien gie ezonarat darbtejn, u iehor (6135 Micallef) li kien wehel 28 (tmienja u ghoxrin) jum detenzjoni.

In kontro ezami r-rikorrent xehed li ma kienx ghadda mill-Cadre Course. Hu talab li jsir Surgent minhabba l-fatt li ghandu skola bizzejjed. Semma lil Staff Sargeant Parnis li fil-fatt ma kienx ghadda mill-Cadre Course u wkoll gie mlahhaq Surgent. Kien hemm ukoll il-Bombardier Borg li wkoll ma kienx ghadda mill-Cadre Course u llum il-gurnata Bumbardier. Kien hemm ukoll il-Bombardier Camilleri li wkoll ma kienx

ghadda mill-Cadre Course u xorta wahda gie mlahhaq. Ma kienx jaf il-kwalifiki taghhom.

Lt. Col. Mario Schembri esebixxa skeda ta' promozzjonijiet li saru b' effett mill-11 ta' Mejju, 1988 li turi l-promozzjonijiet li saru fit-Task Force minn gunner ghal Lance Bumbardier. Isem ir-rikorrent jidher shaded bil-griz l-ewwel pagna biex jidher postu fis-seniority, ma jfissirx li ha l-promozzjoni dak in-nhar.

Esebixxa skeda ohra li turi l-promozzjonijiet li saru fl-ewwel regiment minn Lance Bumbardier ghal Bumbardier b' effett mill-20 ta' Jannar 1992. Isem ir-rikorrent qieghed fuq pagna 2 shaded bil-griz biex juru postu fis-seniority kieku ha l-promozzjoni dak in-nhar.

Fil-promotions tal-1988 u fl-1990 kienu jinghataw importanza kbira il-fatt jekk tghaddix mill-Cadre Course jew le. Ir-rikorrent illum ghandu Class 2 Education pero' dak iz-zmien qabel l-1992 kellu Class 3 Education. Fit-tarf tal-kolonna fejn hemm Cadre Course meta din hija blank tista' tfisser wahda minn zewg affarijiet, jew li l-course ma ntaghazlux biex jaghmluh jew altrimenti ghamluh u ma ghaddewx.

Dwar 6218 gunner Carmel Borg ikkonferma li dan kien kollox bhar-rikorrent pero` kellu seniority anqas. Dwar 500 O' Neill dan kellu education bhar-rikorrent, junior tar-rikorrent u trades hafna aktar minnu. Ikkonferma li kien hemm passi relatati ma' serq ta' fuel fil-konfront ta' O' Neill u dan certament qabel l-1988. Hu kien gie misjub hati. Dwar Bonnici qal li kien senior

tar-rikorrent u anke kellu grad ta' edukazzjoni superjuri ghal tar-rikorrent.

Esebixxa s-C.V. tar-rikorrent kemm ilu fis-servizz apparti l-postings tieghu u ghaliex mexa minn post ghall-iehor u dettalji ohra. Dwar it-tieni dokument dan huwa silta mill-medical records tar-rikorrent li pero' r-rikorrent ma tax ezenzjoni ghall-produzzjoni tieghu.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Illi l-intimat irtira l-ewwel eccezzjoni.

Jibqa' t-tieni eccezzjoni. F'kazijiet li fihom it-Tribunal ihoss li ghandu jbiddel id-decizzjoni ta' l-awtoritajiet dwar jekk rikorrent kellux jinghata promozzjoni jew le, it-Tribunal ghandu l-obbligu li jindaga l-aspetti kollha relevanti ghall-kaz. Biex it-Tribunal jista' jasal li persuna ghandha tinghata hatra li ma jkunx inghata mill-Awtoritajiet, irid jistabbilixxi li saret ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent u dan fit-termini tal-ligi. Il-fatturi kollha relevanti jridu jigu evaluati u xejn ma jista' jithalla barra biex tigi pruvata din l-ingustizzja.

Fil-kaz in ezami r-rikorrrent kien zamm ferm id-dritt tieghu li ma jaghtix l-ezenzjoni dwar il-Medical records – dritt tieghu izda li dan it-Tribunal jekk ghandu fatturi li jistghu jkunu mportanti fid-decizzjoni ma jistax jittraskurhom. Jekk it-Tribunal ma jafx ma jistax jghid li saret ingustizzja.

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Spejjez kontra r-rikorrent.